# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 24/2022 BS**

**AF li b'digriet tal-21 ta' Frar 2018**
**ġie maħtur bħala kuratur ta' ibnu msiefer**
**MF**

**-vs-**

**CF**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur AF bħala kuratur ta' ibnu msiefer MF illi ppremetta:**

1. Illi MF u CF izzewgu lil xulxin fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Knisja tal-Madonna tal-Patrocinju l-Ghasri, Ghawdex u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv tmenin tas-sena elfejn u tmienja (80/2008) u li kopja tac-certifikat taz-zwieg qed tigi annessa bhala Dokument 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed u cioe' LMF illi illum ghandu erbatax-il sena u twieled fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005);

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn tminn (8) snin. Infatti MF ilu jghix fl-esteru ghall-aktar minn seba' (7) snin u f' dawn is-snin kollha huwa qatt ma ghex mal-intimata CF u ghalhekk ilu aktar minn hames snin jghix separatament minn maghha;

4. Illi l-ewwel ittra fil-Qorti tal-Familja biex jibda l-process ta' separazzjoni giet intavolata minn CF fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u iggib in-numru 104/14;

5. Illi matul dawn l-ahhar tminn (8) snin ma kien hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni u l-partijiet waslu biex xoljew il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' kuntratt izda ma rnexxilhomx jaslu ghal kuntratt ta' separazzjoni bonarja minkejja ittri li gew ipprezentati fil-Qorti tal-Familja;

6. Illi infatti fil-kors tal-medjazzjoni saru tentattivi sabiex jaslu fi ftehim ghal separazzjoni bonarja li izda sa issa ma tawx rizultat pozittiv;

7. Illi l-Ittra ta' Medjazzjoni Numru 8/2022 fl-ismijiet 'AF noe vs CF' giet maghluqa minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet moghti fil-5 ta' Lulju 2022 u li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument B;

8. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet peress li minbarra li ilhom aktar minn hames snin mifruda, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

9. Illi l-esponenti nomine jixtieq li tigi pronunzjata is-separazzjoni u id-divorzju bejn il-partijiet.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1) tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment ghar-ragunijiet premessi u tippronunja s-separazzjoni personali bejniethom;

2) tordna li l-kura u kustodja tal-minuri LMF ghandha tigi fdata esklussivament f' idejn il-konvenuta;

3) tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

4) tiddikjara li l-partijiet ddekadew mid-drittijiet ta' eredtia reciproci;

5) tippronunjza d-divorzju bejn il-partijiet MF u CF;

6) tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni u bl-ispejjes ta' dan ir-rikors guramentat u tal-Ittra Numru 8/2022 kontra l-konvenuta.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta CF illi eċċepiet:**

1. ILLI l-esponenti ma hix toġġezzjona li jkun hemm dikjarazzjoni li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u għalhekk ma hemm l-ebda oġġezzjoni li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom u eventwalment id-divorzju bejn il-partijiet;

2. ILLI similment, l-esponenti m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-kura u l-kustodja tal-minuri LMF tiġi afdata esklussivament f'idejn l-esponeti;

3. ILLI ma hemmx il-ħtieġa li tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti stante li l-partijiet kienu xoljew u tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Mizzi tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u tmintax (2018) li kopja tiegħu q[i]egħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

4. ILLI hemm qbil ukoll illi l-partijiet ma jibbenefikawx mid-drittijiet ereditarji ta' xulxin;

5. ILLI l-esponenti però titlob li jkun hemm deċiżjoni dwar manteniment dovut min-naħa tal-missier versu l-iben minuri LMF u f'dan is-sens q[i]egħda tiġi intavolata kontro-talba fl-atti ta' dawn il-proċeduri;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Illi b'referenza għall-paragrafi tar-Rikors Ġuramentat, l-esponenti taqbel mal-kontenut tal-paragrafi kollha għajr għal dak tat-tieni (2) paragrafu fis-sens li l-iben komuni tal-partijiet għandu sbatax(17)-il sena.

**Rat il-kontro talba tal-konvenuta CF illi ppremettiet:**

1. ILLi l-partijiet iżżewġu fil-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Knisja tal-Madonna tal-Patroċinju, l-Għasri, Għawdex skond kif jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ anness mar-Rikors Ġuramentat bħala Dokument 'A';

2. ILLI minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom iben wieħed (1) u ċioè LMF li għandu sbatax(17)-il sena li twieled fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) hekk kif jidher mill-kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B';

3. ILLI l-partijiet ilhom jgħixu separati *de facto* minn xulxin għal dawn l-aħħar tmien (8) snin u għalhekk ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;

4. ILLI minkejja dan kollu, il-missier qatt ma vversa manteniment versu l-iben minuri, bil-konsegwenza li matul dan iż-żmien kollu, kienet l-esponenti omm waħedha li ħadet ħsieb it-trobbija esklussiva tal-iben LMF mingħajr ebda kontribut kwalsiasi da parti tal-missier;

5. ILLI l-esponenti kienet anke intavolat proċeduri ta' medjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti bin-Numru 15/2018 u li eventwalment, permezz ta' digriet ta' din l-istess Onorabbli Qorti tas-sittax (16) t'April, tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) li

kopja tiegħu q[i]egħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C', il-Qorti, filwaqt li ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri LMF tiġi afdata f'idejn l-esponenti, iffissat retta alimentarja ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar;

6. ILLi l-attur rikonvenjenti però xorta baqa' qatt ma vversa l-ebda manteniment, minkejja l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. ILLI għalhekk l-konvenuta rikonvenzjonata q[i]egħda tipproċedi permezz ta' din il-kontro-talba u titlob li l-attur rikonvenjenti missier għandu jħallas manteniment hekk kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll iħallas kwalunkwe manteniment b'lura li huwa dovut versu l-esponenti jew li eventwalment jiġi dovut versu l-iben LMF;

8. ILLI maż-żwieġ tagħha l-konvenuta rikonvenzjonata ħalliet kunjom xbubitha u ċioè 'Grech' u assumiet kunjom żewġha u ċjoè 'Farrugia'. Hija tixtiq illi mal-pronunjza tas-separazzjoni personali u l-eventwali divorzju terġa' tirriverti għal kunjom xbubitha;

9. ILLI din il-kontro-talba qed issir u tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-konvenuta rikonvenzjonata li għandha konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

**Talbet lill-attur AF nomine jgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiffissa dik ir-retta alimentarja li għandha tiġi mħallsa b'rati mensili mill-attur rikonvenzjonat għal ibnu minuri u tordna lill-istess attur rikonvenzjonat sabiex iħallas dik ir-retta alimentari lill-konvenuta rikonvenjenti;

2. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat naqas milli jivversa manteniment fil-konfront ta' ibnu minuri matul iż-żmien kollu li l-partijiet kienu separati *de facto*;

3. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex iħallas lill-konvenuta rikonvenzjonata l-ammont sħiħ ta' manteniment dovut versu l-iben minuri mid-data tas-separazzjoni *de facto* sad-data tas-sentenza, jew

fi kwalunkwe ammont din l-Onorabbli Qorti tista' tiddeċiedi għal daqshekk;

4. Tordna illi l-konvenuta rikonvenjenti terġa' tirreverti għall-kunjom xbibitha u ċjoè 'Grech';

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa inġuntg għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenzjonat MF għall-kontrotalba tal-konvenuta CF illi eċċepixxa:**

1. ILLI t-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti sabiex tiġi mħallsa retta alimentarja mill-attur rikonvenzjonat għal ibnu minuri għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti għal diversi raġunijiet li ser jiġi spjegati u ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża fosthom illi l-ftehim verbali bejn il-partijiet meta xoljew il-komunjoni tal-akkwisti kien li l-omm tieħu ħsieb [i]t-trobbija tal-minuri u tipprovdi għalih u dan stante li hija kellha dħul qawwi filwaqt li l-attur rikonvenzjonat kien bla xogħol u ried imantni ulied oħra, u fil-fatti kien biss wara li l-attur talab is-separazzjoni u d-divorzju li l-konvenuta bdiet tippretendi xi forma ta' manteniment għall-minuri;

2. ILLI l-attur rikonvenzjonat ma għandu l-ebda oġġezzjoni għar-raba' (4) talba tal-konvenuta CF sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha;

3. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fid-drit u fil-fatt.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta rikonvenjenti li minn issia [sic] hija [i]nġunata [sic] in subizzjoni.

**Il-Qorti:**

Rat l-atti kollha inkluż il-kontro talba.

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż il-kuntratt ta' Separazzjoni tal-Beni data 27 ta' Diċembru, 2018.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2021.

Rat il-verbal tal-15 ta' Diċembru, 2022.

Rat li fl-istess seduta il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66F tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn huwa pprovdut illi:

*"66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

*(...ommissis)*

*66F. (1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta'divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.*

*(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdutfis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti,b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet".*

Jirriżulta sodisfaċentement pprovat illi l-partijiet kienu żżewġu nhar il-05 ta' Lulju 2008, liema żwieġ jġib ċertifikat numru 71/2008. Minn dan iż-żwieġ twieled tifel.

Jirriżulta wkoll li fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2022 il-partijiet iddikjaraw li l-Qorti tista' tgħaddi għal pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ u li kien hemm qbil dwar l-ewwel u t-tieni talba. Qablu wkoll li t-tielet talba kienet qed tiġi rtirata mill-attur u kien hemm qbil li r-raba', il-ħames u s-sitt talbiet ta' l-attur jiġu milqugħa.

Il-konvenuta rikonvenzjonanta iddikjarat illi da parti tagħha kienet qed tirtira l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet u li kien hemm qbil dwar ir-raba' talba.

Il-partijiet qablu wkoll li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jiġu sopportati interament mill-attur.

Fid-dawl ta' dak iddikjarat fis-seduta msemmija għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet in linea ma dak maqbul.

Fil-konfront ta' l-ewwel talba ta' l-attur u ċioe li jiġi ddikjarat is-separazzjoni bejn il-partijiet din il-Qorti tosserva li bi qbil bejniethom il-partijiet talbu li t-talba ta' l-attur tiġi konvertita f'waħda għal divorzju. Tinnota wkoll li l-attur fil-ħames talba tiegħu talab ukoll li l-Qorti tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Minn dak li jirriżulta mill-atti il-Qorti tqis li l-partijiet issodisfaw il-kriterji kollha meħtieġa għal pronunzjament tad-divorzju u għalhekk filwaqt li ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ħames waħda.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet ġia mogħtija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi :

i) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;
ii) Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja ta' iben il-partijiet tiġi fdata esklussivamnt f'idejn il-konvenuta;

iii) Tastjeni milli tieħu konjizzzjoni tat-tielet talba u dan in vista li din ġiet irtirata mill-attur;

iv) Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta' eredita reċiproċi;

v) Tilqa' il-ħames u s-sitt talbiet u filwaqt li tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, liema żwieġ jġib ċertifikat numru 71/2008 tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mogħti mil-Liġi, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rigward it-talbiet rikonvenzjonali filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet stante li ġew irtirati, tilqa' r-raba' talba u tordna illi l-konvenuta rikonvenzjonanta terġa tirriverti għal kunjom xbubitha ossia "Grech".

L-ispejjeż kollha għandhom jkunu a karigu ta' l-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur